MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 234/2012

**A B**
**vs**
**C D, Direttur tar-Registru Pubbliku, u b'digriet tat-12 ta' Marzu 2013 D D gie kjamat in kawza u l-istess intimata C D giet nominata kuratrici ad litem sabiex tirraprezenta lill-minuri Shelom D**

**Il-Qorti**

## Preambolu
Permezz tal-kawza odjerna pprezentata fis-16 ta' Ottubru 2012, l-attur, wara li ppremetta li, minn relazzjoni li kellu mal-konvenuta C D twieled il-minuri D D fit-2 ta' Marzu 2007 u minkejja li l-intimata kienet taf sewwa li huwa missier it-tifel hija rrifjutat li tnizzel isem l-attur fuq ic-certifikat tat-twelid u peress li l-intimat C D baqghet ma pprezentat l-ebda nota fir-Registru bhala risposta ghall-ittra ufficjali mibghuta mill-attur lilha fit-12 ta' Jannar 2012,

fejn gharrafha li kien ser jirrikonoxxi lill-minuri D D  bhala ibnu naturali at termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kapiltolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attur talab fl-ewwel lok li din il-Qorti tiddikjara lil attur A B bhala l-missier naturali tal-minuri D D u tordna r-registrazzjoni tar-rikonoxximent ta' l-istess D D bhala wild naturali ta' A B fl-atti tal-istat civili relattivi.

Bl-ispejjez kollha inkluz ta' l-ittra ufficjali.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur u l-elenku tad-dokumenti;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha ssottometta:-

1. Illi fl-ewwel lok huwa indispensabbli ghall-integrita tal-gudizzju li jigi msejjah fil-kawza l-minuri D D u li ghandu jkun debitament rapprezentat minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti;

2. Illi l-esponenti jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent jitlob lil din il-Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici ghar-rigward il-minuri D D  kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel talba ta' l-attur l-esponent jinvita lill-attur A B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjament (1) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri D D , (2) il-post tat-twelid tieghu, (3) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel D D.  Tali informazzjoni hija mehtieg A B biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-twelid tal-imsemmi D D bin-numru tar-registrazzjoni 787 tas-sena 2007;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema

kunjom ghandu jassumi l-minuri D D  a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda  tal-konvenut direttur;

Rat ir-risposta guramentata ta' C D fejn ssottomettiet li mhijiex qieghda topponi ghat-talbiet attrici, pero' qieghda toggezzjoni ghall-ispejjez u dan ghal ragunijiet li hija ser tispjega waqt it-trattazzjoni tal-kawza u talbet li l-kunjom tal-minuri jidher bhal B D fl-emenda fl-att tat twelid u li r-rikorrenti ghandu jispjega kif gie fil-pussess ta' dokument li gie esebit fir-rikors mahluf tieghu.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Marzu 2013 fejn Shelom D gie kjamat in kawza u l-istess konvenuta C D giet nominata kuratrici ad litem sabiex tirraprezenta lill-minuri D D;

Rat l-atti kollha inkluz l-affidavits tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda viva voce;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur A B qieghed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel D D  li twieled fit-2 ta' Marzu 2007 u li fl-Att tat-twelid tieghu numru 787/2007 li giet registrat bhala wild ta' ‘missier mhux maghruf’, jitnizzel bhala wild l-attur A B.

## Provi

L-attur fl-affidavit jiddikjara li kien ilu f'relazzjoni mal-konvenuta ghall-perjodu ta' erba' snin meta l-konvenuta infurmatu li nqabdet tqila. Ha interess u ghal *parental visits* kien jakkumpanjaha u anke kien prezenti meta twieled, fl-Isptar San Luqa, il-minuri Shelom D fit-2 ta' Marzu 2007. Gara li f''Novembru 2007 ir-relazzjoni bejniethom tfarrket irrimedjabilment pero' l-attur kien ikollu access ghal ibnu ghal xi sighat fil-gimgha. F'April 2008 dan l-access waqaf minghajr ebda raguni u fis-27 ta' Gunju 2008 fetah il-proceduri permezz ta' medjazzjoni biex jigi regolat l-access u l-hlas ta' manteniment. Ghalkemm kienu ftehmu dwar l-access u l-manteniment u l-medjazzjoni kienet inghalqet, il-kuntratt ta' bejniethom f'dan ir-rigward qatt ma gie iffirmat.

Sussegwentement, l-attur interpella ufficjalment lill-konvenuta pero' din qatt ma wiegbet u fil-1 ta' Ottubru 2012 waqfet l-access u qaltlu biex ma jaghtihiex il-manteniment tal-minuri.

## Konsiderazzjonijiet

L-artikolu 86 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*'It-tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg jista' jigi maghruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Izda meta l-persuna li taghraf ruhha bhala missier it-tifel hija minuri, it-taghrif li taghmel din il-persuna huwa null:*
*Izda wkoll it-taghrif ta' tifel imwieled barra miz-zwieg minn persuna li tghid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effetti u ma jigix registrat kemm il-darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta taghha jekk hija tkun mejta, u t-tifel immifsu jekk ikun lahaq l-eta, ma jkunux gew notifikati b'ittra ufficjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bihsiebha taplika ghar-registrazzjoni ta' dak it-taghrif u l-omm jew il-werrieta taghha skont il-kaz, u t-tifel, ma*

*jkunux fi zmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota prezentata fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali, qablu li ssir dik ir-registrazzjoni, f'liema kaz dik l-ittra ufficjali u n-nota li turi l-qbil ghandhom jigu notifikati lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu jghaddi biex jirregistra l-imsemmi taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi;*

*Izda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-eta' ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-registrazzjoni jew jibqghu ma jwegbux fiz-zmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-Qorti tiddikjara li min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel u tordna r-registrazzjoni ta' dak ittaghrif fl-atti tal-istat civili relattivi."*

Mill-atti jirrizulta li r-rekwiziti rikjesti bl-artikolu 86 fuq citat huma sodisfatti.

Ir-rapport tad-DNA ipprezentat u mahluf minn Dr Marisa Cassar (fol.40) ma jhalli l-ebda dubju dwar minn hu effettivament missier il-minuri - irrizulta li l-attur huwa missier il-minuri D D.

Ghar-rigward tal-ispejjez gudizzjarji il-konvenut Direttur fir-raba’ paragrafu tar-risposta guramentata tieghu jeccepixxi illi m’ghandux ibati spejjez ta’ din il-procedura in kwantu xejn minn dak premess mill-attur ma jista’ jigi attribwit xejn lilu.  Din l-eccezzjoni hija fondata.

Fix-xhieda taghha l-konvenuta tallega illi agixxiet kif agixxiet stante li l-attur kien vjolenti mal-minuri liema allegazzjonijiet ma gewx sostanzjati. Fic-cirkostanzi l-Qorti tikkonsidra li l-attur u l-konvenuta ghandhom jaghmlu tajjeb fi kwoti indaqs bejniethom ghall-ispejjez gudizzjarji ta’ din il-kawza.

Fil-25 ta’ Settembru 2013 il-partijiet ipprezentaw fl-atti ta’ din il-kawza ghall-approvazzjoni tal-Qorti ftehim li lahqu bejniethom rigwardani l-minuri.  B’digriet tat-30 ta’ Settembru 2013 il-Qorti approvat it-termini tal-imsemmi ftehim u ordnat li l-kondizzjonijiet bonarjament pattwiti

bejn il-partijiet jaghmlu parti mid-digriet tal-Qorti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda tiddisponi mir-rikors guramentat u mir-risposti guramentati tal-konvenuti billi:-

1. Tiddikjara li l-minuri D D huwa l-iben naturali tal-attur A B.

2. Tordna li fl-att tat-twelid tal-minuri D jitnizzel isem l-attur u l-konnotati tieghu bhala missier il-minuri.

Bl-ispejjez kollha a kariku tal-attur u l-konvenuta C D f'ishma indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------